Grand Holland Tour

# Amsterdam Incl.Efteling Theme Park

**7** T'IJIEM

MINN € **935** KULL PERSUNA

**INŻURU:** Amsterdam, Delft, Rotterdam, The Hague, Madurodam, Alkmaar, Kinderdijk, Marken, Volendam u Zaanse Schans

**GRUPP A:** 12 ta' Lulju – 18 ta' Lulju
**GRUPP B:** 09 t'Awwissu – 15 t'Awwissu
**GRUPP C:** 13 ta' Settembru – 19 ta' Settembru

### IT-TLIETA
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.30 sabiex nagħmlu ċ-check in għat titjira KM394 li titlaq fit-07.30 u tasal **Amsterdam** Schipol fil-10.50. Nibqgħu sejrin lejn iċ-ċentru tal-belt, ftit ħin liberu u wara ikollna **Cruise** sabiex f'atmosfera unika nżuru Amsterdam. Nkomplu lejn il hotel, check in Fin- **Novotel Amsterdam City** 4 star. Aktar tard għal min irid wara jista' jmur mat-tour leader biex nkomplu nesploraw iċ-ċentru tal-belt u naraw postijiet ta' interess bħal Royal Palace, National Monument, Rembrandt Square, Dam Square.

### L-ERBGĦA
Wara l-buffet breakfast, ikollna eskursjoni għal **Marken u Volendam**. Illum ser inkunu f'kampanja tipika **Olandiża**, fejn apparti li nżuru dawn iż-żewġ villaġġi tas-sajjieda, ikollna wkoll l-opportunita li nżuru l-villaġġ ta' **Zaanse Schans** li jinsab fuq ix-**xmara Zaan**, magħruf għall-**windmills**, kif ukoll razzett tipiku fejn il-ġobon għadu jiġi pproċessat b'mod tipiku u anke l-manifattura tal-famużi żraben Olandiżi, **il-Clogs**. Nirritornaw lura l-hotel. Filgħaxija ħarġa mal-leader saċ-ċentru tal-belt.

### IL-ĦAMIS
Illum nistednuk tiskopri magħna il-post magħruf għall-imtieħen fl-**Olanda**, **Kinderdijk** li hu iddikjarat bħala wirt patrimonjali mill-UNESCO. Imkien fid-dinja ma'ssib numru ta' **mtieħen** daqs kemm hawn f'dan il-villaġġ. Min irrid jista' jieħu boat trip madwar il-kanal (extra). Inkomplu lejn l-belt ta' **Rotterdam** fejn nagħmlu coach tour kif ukoll walking tour fiċ-ċentru tal-belt. Ikollna xi ħin liberu għall-ikel (extra) u xi shopping ukoll f'zona kompletament pedonali. Nirritornaw lura lejn il-lukanda. Wara nistgħu mmorru passiġġata ġewwa **Amstelpark**.

### IL-ĠIMGĦA
Eskursjoni ta' nofstanhar fejn nżuru **Alkmaar** sabiex nassistu għall-famuż suq tal-ġobon. Nies lebsin kostumi tradizzjonali jġorru l-ġobon fuq speċi ta' karettuni apposta għal bejgħ tal-ġobon joħolqu spettaklu mhux tas-soltu fil-pjazza prinċipali ta' din il-belt. Ikollna ħin liberu għax xiri tas-suvenirs u wara nirritornaw lura lejn Amsterdam, fejn ikkolna ħin għal last minute shopping minn din il-belt. Filgħaxija ngħaqdu magħna għall-**candle light cruise** (extra) sabiex f'atmosfera unika naraw Amsterdam mixgħula filgħaxija, filwaqt li nkunu fuq dgħajsa apposta minn fejn induqu ġobon Olandiż u inbid. Titilfuhiex!!

### IS-SIBT
Illum ngawdu jum sħiħ fin-naħa t'isfel tal-Olanda. Nibdew b'waqfa ġewwa **Delft,** li hija magħrufa għall-fuħħar tagħha. Nagħmlu anke żjara ġo fabbrika żgħira fejn jinħadem bl-idejn. Ftit ħin liberu u wara nkomplu bil-vjaġġ tagħna lejn **Madurodam** (dħul extra), park b'differenza fejn naraw għadd ta' postijiet fl' Olanda magħmulin fuq skala żgħira. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **The Hague** – fejn inkunu nistgħu naraw il-Binnerhof li huwa l-post fejn jiltaqa l-Parlament Olandiż. Nirritornaw lura Amsterdam. Filgħaxija għal min irid niltaqgħu fil-bar tal-hotel għal bibita.

### IL-ĦADD
Wara l breakfast nitilqgħu biex ingawdu ġurnata sħiħa f' '**Efteling'** (dħul extra) l-isbaħ **Theme Park tal-Olanda,** post ta' divertiment għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Hawn insibu roller coasters, Top Spin, Pirate Ship, Magic Bowl u għall-familja nsibu Trackless Train, Ocean Self Control Plane, W-Wave Flying Boots u bosta logħob ieħor u shows għal kulħadd dawn kollha jagħmlu din il-ġurnata waħda memorabbli għal kulħadd. Nirritornaw lura lejn l-lukanda.

### IT-TNEJN
Buffet breakfast u wara nofs ta'nhar liberu għall-aħħar personal sightseeing. 13:45 Transfer bil-kowċ lejn **Schipol Airport** fejn nagħmlu check-in għal titjira KM387 li ttir fil-16:50 u tasal Malta fit-19:50.

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €985 | €935 |
| Kamra żewġ persuni | €985 | €935 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,175 | €1,125 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €720 | €670 |
| Half board (4 ikiet) | | €110 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-Air Malta: Malta - Amsterdam - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats u cable cars mhux inklużi)
- 6 iljieli - Hotel Novotel Amsterdam City
- Kmamar b'arja kkondizzjonata
- Breakfast Buffet kontinentali
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

